# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Novembru 2016**

**Rikors Numru : 545/2016JPG**
**Kawza Numru : 15**

**Iulia Samunina,**
**Detentrici tal-Passaport Russu bin-numru 71 4446416**

**-VS-**

**Boarding School (Malta) Ltd – (C22600)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat datat fis-6 ta Lulju 2016, ta' Iulia Samunina, deterntrici tal-Passaport Russu bin-numru 71 4446416 ta' Apartment 60, Warsavskajja 23/2, St. Petersburg, ir-Russja li jaqra hekk:

1. *Illi s-soċjeta' intimata, Boarding School (Malta) Ltd. (C 22600) rappreżentata minn Evgueni Bodichtianou u Snejana Bodichtianou, topera skola bl-isem ta' RBSM International Boarding School għal studenti ta' nazzjonalita' Russa u/jew li jitkellmu bir-Russu f'Malta. Di fatti s-soċjeta' topera skejjel kemm fil-livell primarju u kemm sekondarju għal diversi studenti f'Malta;*

2. *Illi r-rikorrenti kienet tibgħat lit-tifel tagħha, Kirill Samunin, fl-iskola operata mis-soċjeta' intimata. Bħala skola privata, r-rikorrenti kellha tħallas miżata bil-quddiem skont kif indikat mid-DIretturi tas-soċjeta' intimata;*

3. *Illi għandu jiġi rilevat li fil-każ odjern għal xi raġuni ma ġiex iffirmat Parental Agreement bejn il-partijiet rigward t-termini u l-kundizzjonijiet tat-tagħlim ta' bin ir-rikorrenti fi ħdan l-iskola msemmija. Di fatti l-pagamenti da parti tar-rikorrenti relattivi għall-miżata kienu saru direttament f'kont mogħti mid-Diretturi Evgueni Bodichtianou u Snejana Bodichtianou;*

4. *Illi f'Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016), s-soċjeta' intimata, tramite id-Direttur tagħha Evgueni Bodichtianou bgħatet messaġġ lir-rikorrenti u lill-ġenituri kollha li jibgħatu lit-tfal tagħhom fl-iskola biex jinfurmahom illi l-iskola kienet ser tagħlaq u għaldaqstant is-soċjeta' intimata ma setgħetx tkompli tipprovdi s-servizzi edukattivi lit-tfal tagħhom;*

5. *Illi din is-sitwazzjoni ħolqot problemi serji lir-rikorrenti u minkejja diversi tentattivi sabiex tingħata spjegazzjoni għal tali deċiżjoni, hija ġiet infurmata li l-iskola ma setgħetx tkompli topera in vista ta' problemi finanzjarji.*

6. *Illi r-rikorrenti kienet kostretta tfittex istituzzjonijiet edukattivi alternattivi għat-tifel tagħha tant li kellhom jirritornaw lura r-Russja għaliex ma nstabitx skola hawn Malta li setgħet toffri l-istess kurrikulu u takkomoda lit-tifel tagħha f'nofs is-sena skolastika;*

7. *Illi r-rikorrenti kienet għamlet pagament sostanzjali fl-ammont ta' tmienja u ħamsin elf u ħamsa u tmenin Ewro (€ 58.085.00) rappreżemtanti ħlas tal-miżata u dan ftit qabel ma ingħalqet l-iskola u għaldaqstant meta rinfaċċjata b'tali sitwazzjoni hija talbet rifużjoni immedjata lill-intimata;*

8. *Illi permezz ta' ittra datata tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) u iffirmata minn Evgeni Bodishtianu bħala Direttur tas-soċjeta' intimata, din tal-aħħar qiegħdha tirrikonoxxi d-debitu dovut lir-rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u ħamsin elf u ħamsa u tmenin Ewro (€ 58,085.00) lir-rikorrenti. Kopja ta' l-ittra li ngħatat l-esponenti rikorrenti qedgħdha tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "***Dok ISN 1***". Illi l-ammont ndikat huwa dovut fl-intier tiegħu;*

9. *Illi fl-ittra esebita u mmarkata "Dok ISN 1", l-imsemmi Evgeni Bodishtianu ressaq proposta ta' ħlas entru terminu tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016), liema proposta hija inaċċettabbli stante li r-rikorrenti qiegħdha tesiġi r-rifużjoni mmedjata tal-flejjes dovuti għal ksur tal-obbligi kontrattwali da parti tal-intimati;*

10. *Illi r-rikorrenti ttentatat b'kull mod li tikkomunika mal-intimati sabiex issir rifużjoni immedjata iżda dawn tal-aħħar baqgħu inadempjenti bil-konsegwenza li r-rikorrenti ma kellha ebda triq għajr li tintavola l-proċeduri odjerni;*

11. *Illi għal raġunijiet suesposti r-rikorrenti qiegħdha tinsisti li l-intimata għandha tħallas b'mod immedjat s-somma ta' tmienja u ħamsin elf u ħamsa u tmenin Ewro (€ 58,085.00) rappreżentanti rifużjoni ta' miżati mħallsa mir-rikorrenti.*

12. *Illi fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu għat-talbiet tar-rikorrenti u b'hekk jeżistu ċ-ċirkostanzi kkontemplati fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ.*

*Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment mir-rikorrenti.*

*Għaldaqstant, jgħid il-konvenut, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddeċiedi din il-kawża skont it-talbiet segwenti, bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata għandha tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmienja u ħamsin elf u ħamsa u tmenin Ewro (€ 58,085.00), inkluż l-imgħax legali dekorribbli;*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' tmienja u ħamsin elf u ħamsa u tmenin Ewro (€ 58,085.00), rappreżentanti rifużjoni tal-miżati imħallsa mir-rikorrenti inkluż l-imgħax legali dekorribbli;*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotorju;

Rat illi ir-rikors promotorju, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat illi s-socjeta' intimata ma dehritx meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tad-19 t'Ottubru, 2016;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Andrew Grima li ikkonferma l-ammonti ndikati fir-rikors promotorju, u li ma sar ebda hlas mis-socjeta' intimata mid-data tar-rikors promotorju l'hawn;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors promotorju tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Il-Qorti rat u ezaminat l-Artikolu 37(1) u (3) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta, u tqis illi l-kreditu ta' Boarding School (Malta) Ltd. (C 22600) huwa privileggjat u ghaldaqstant il-Qorti ma jidhirlix li hemm htiega illi timponi obbligazzjoni ulterjuri ghas-sigurta' addizzjonali.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili Kap. 12; u

2. Tiddikjara r-rikorrenti kreditrici tal-Boarding School (Malta) Ltd. fis-somma ta' tmienja u hamsin elf u hamsa u tmenin Ewro, (€58,085.00) u li tali kreditu huwa wiehed privileggjat ai termini tal-Kap.12 u l-Kap 234 (Art.37 D u 50) tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tikkundanna lil Boarding School (Malta) Ltd. ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmienja u hamsin elf u hamsa u tmenin Ewro, (€58,085.00) u

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra Boarding School (Malta) Ltd.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**